# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju, 2020**

**Numru 6**

**Rikors Numru 174/19TA**

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**vs**

**David Muscat (KI Nru. 218594 M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Bank Attur tal-21ta' Frar 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi l-intimat ingħata faċilita` ta' self mill-Bank rikorrenti fl-ammont ta' għoxrin elf disa' mija u sebgħin Ewro (€20,970) ai termini ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Melanie Cassar Darmanin tal-wieħed u għoxrin ta' Marzu elfejn u tlettax (21.03.2013)(**Dok HSBC$_1$**);

2. Illi l-intimat ma baqax jonora l-ħlasijiet miftehma ai termini tal-General Conditions Regulating Loans skond is-Sanction Letter tat-12 ta' Frar 2013 (**Dok HSBC$_2$**) u għaldaqstant l-intimat tilef il-benefiċċju taż-żmien b'dan illi huwa debitur tal-bank rikorrenti fl-ammont ta' **għoxrin elf erba' mija u tnax il-Ewro (€20,412.21)** rappreżentanti kapital

filwaqt illi s-somma ta' sitt elef ħames mija u tmintax -il Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€6,518.24) tirrapreżenta imgħaxijiet ikkalkulati sas-7 ta' Jannar 2019 oltre imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mit-8 ta' Jannar 2019 sad-data tal-effettiv pagament (skont *statement* anness bħala **Dok HSBC8**);

3. Illi l-intimat ingħata faċilita` oħra ta' self mill-Bank rikorrenti fl-ammont ta' mija u sitt elef mitejn u dsatax-il Ewro (€106,219) ai termini ta kuntratt fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna datat it-tnejn u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (22.03.2011)(**Dok HSBC3**);

4. Illi l-intimat ma baqax jonora l-ħlasijiet miftehma ai termini tal-*General Conditions Regulating Loans* skont is-Sanction Letter tat-2 ta' Novembru 2010 (**Dok HSBC4**) tant li lanqas ħallas il-premia tal-insurance pattwit u għaldaqstant l-intimat tilef il-benefiċċju taż-żmien, b'dan illi huwa debitur tal-bank rikorrenti fl-ammont ta' **mija u sitt elef sitt mija u għoxrin Ewro (€106,620.00**) rappreżentanti kapital u premia filwaqt illi s-somma ta' **erbgħa u tletin elf mija disgħa u tmenin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€34,189.92)** tirrapreżenta imgħaxijet ikkalkulati sas-7 ta' Jannar 2019, oltre imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mit-8 ta' Jannar 2019 sad-data tal-effettiv pagament (statement anness **Dok HSBC9**);

5. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet, inkluż ittra uffiċjali mibgħuta lill-intimat nhar is-26 ta' Frar 2016 (**Dok HSBC5**) u ittra oħra bonarja tas-27 ta' Jannar 2016 (**Dok HSBC6**), l-intimat baqa' inadempjenti;

6. Illi l-Bank kien ukoll ikkonċeda lill-intimat faċilita` tat-tip Personal Loan (bil-kont numru 061-225991-302) għas-somma ta' tlettax-il elf Ewro (€13,000), liema faċilita` ingħata għax-xiri ta' mobbli ossia għamara;

7. Illi l-intimat ma baqax jonora l-ħlasijiet miftehma u għaldaqstant l-intimat tilef il-benefiċċju taż-żmien, b'dan illi huwa debitur tal-bank rikorrenti fl-ammont ta' **ħamest elef erba' mija u ħames Ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€5,405.48)**, rappreżentanti kapital filwaqt illi s-somma ta' **elf disa' mija disgħa u ħamsin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€1,959.41)** tirrapreżenta imgħaxijiet ikkalkulati sas-7 ta' Jannar 2019, oltre imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mit-8 ta' Jannar 2019 sad-data tal-effettiv pagament (**Dok HSBC10**);

8. Illi l-intimat għandu wkoll faċilita` ta' VISA Gold Card bil-kont numru 061-225991-340 ġja 4035710036034694 u sas-7 ta' Jannar 2019 huwa kien debitur tal-bank fuq dan il-kont fl-ammont ta' **elfejn mija disgħa u disgħin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€2,199.72)** rappreżentanti kapital filwaqt illi s-somma ta' **sitt mija sitta u disgħin Ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€696.58)** tirrapreżenta mgħaxijiet ikkalkulata sas-7 ta' Jannar 2019, oltre imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% fis-sena mit-8 ta' Jannar 2019 sad-data tal-effettiv pagament (**Dok HSBC11**);

9. Illi għalhekk l-intimat għandu jħallas lill-bank rikorrenti, is-somma kumplessiva ta' **mija tmienja u sebgħin elf u wieħed Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€178,001.56)** li minnhom l-ammont ta' mija erbgħa u tletin elf sitt mija sebgħa u tletin Ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€134,637.41), jirrappreżenta kapital filwaqt illi s-somma ta' tlieta u erbgħin elf tliet mija erbgħa u sittin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€43,364.15) tirrapreżenta imgħaxijiet ikkalkulati sas-7 ta' Jannar 2019, u dan b'riżerva għal dawk l-imgħaxijiet legali dovuti mit-8 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-intimat, għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kulll dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1) Tiddikjara, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja, li l-intimat għandu jagħti lill-bank rikorrenti s-somma ta' mija tmienja u sebgħin elf u wieħed Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€178,001.56), jew somma verjuri, u dana oltre l-imgħaxijiet legali mit-8 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv fuq is-somma ta' mija tmieeja u sebgħin elf u wieħed Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€178,001.56) a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2) Tikkundanna lill-intimat iħallas lis-soċjeta` rikorrenti HSBC Bank Malta plc l-ammont ta' mija tmienja u sebgħin elf u wieħed Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€178,001.56), jew kwalunkwe somma verjuri dikjarata mill-Qorti skont l-ewwl talba, u dana oltre l-imgħaxijiet legali mit-8 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv fuq is-somma ta' mija tmienja u sebgħin elf u wieħed Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€178,001.56) a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-ittra uffiċjali surreferita u bl-imgħaxijiet legali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-intimat, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni."

Rat li l-Konvenut għalkemm debitament notifikat skont il-liġi baqa' ma għamel ebda risposta ġuramentata skont il-liġi biex għalhekk waqa' fi stat ta' kontumaċja;

Rat id-dokumenti u atti kollha tal-Kawża;

Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Louise Sant Fournier, rappresentanti tal-Bank Attur, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2020;

Rat il-verbal tat-28 ta' Jannar 2020 fejn il-Konvenut kontumaċi ngħata l-fakolta` li jagħmel nota ta' osservazzjonijiet fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza;

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti eżaminat id-dokumenti kollha li ġew presentati mill-Bank Attur. Semgħet ukoll ix-xhud fuq imsemmi mressaq mill-Bank Attur. Din iddikjarat li minn dakinhar li ġiet presentata l-Kawża sa dak in-nhar li xehdet ma kienu saru ebda pagamenti lill-Bank Attur. Illi qabel saret il-Kawża minkejja interpellat b'żewġ ittri uffiċjali biex jgħaddi għall-ħlas dovut, il-Konvenut baqa' inadempjenti.

Minn naħa tiegħu, għalkemm dejjem notifikat skont il-liġi, il-konvenut dejjem baqa' inattiv. Di fatti baqa' kontumaċi għax ma presenta ebda risposta ġuramentata u mogħti l-fakolta` li jippresenta nota ta' osservazzjonijiet ai termini tal-artiklu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta baqa' inadempjenti.

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu, u wara li eżaminat il-provi kollha u dokumenti eżebiti, l-Qorti hija konvinta li t-talbiet tal-Bank Attur ġew ipprovati u jistħoqqilhom jiġu milqugħa.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha għar-raġunijiet fuq imsemmija taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa l-ewwel talba** attriċi u tiddikjara li l-Konvenut għandu jagħti lill-bank Attur s-somma ta' mija tmienja u sebgħin elf u wieħed Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€178,001.56) u dana oltre l-imgħaxijiet legali mit-8 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

**Tilqa' it-tieni talba** attriċi u tikkundanna lill-Konvenut iħallas lill-bank Attur l-ammont ta' mija tmienja u sebgħin elf u wieħed Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€178,001.56) u dana oltre l-imgħaxijiet legali mit-8 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjes kif mitluba a' karigu tal-Konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**